# Animazzjoni tal-Quddies tal-Ħadd

Il-Ħadd 12 ta' Frar 2017
Is-VI Ħadd ta' Matul is-Sena
Sena A

**Introduzzjoni**
Inġbarna hawn flimkien sabiex niċċelebraw il-liturġija tas-sitt Ħadd ta' matul is-sena. Il-liturġija ta' dan il-Ħadd tistedinna sabiex l-għemejjel tagħna jiġu mwettqa għall-akbar glorja tiegħu.
Nagħtu bidu għal din il-quddiesa billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien.

**L-Ewwel Qari** (Sir 15, 15-20)
Alla huwa dak li jgħin lill-bniedem jagħżel bejn it-tajjeb mill-ħażin sabiex jibqa' miexi fit-triq it-tajba.
Nisimgħu l-ewwel qari.

**Salm Responsorjali** (Salm 118)
Henjin dawk li jimxu fil-liġi tal-Mulej!

**It-Tieni Qari** (1 Kor 2, 6-10)
Alla waħdu huwa dak li jagħti lill-bniedem id-don tar-raġuni u l-għerf.
Nisimgħu t-tieni qari.

**L-Evanġelju** (Mt 5, 17-37)
Bi kliem mill-aktar profond, Ġesù jgħid li hu ġie fid-dinja sabiex jgħin lill-bniedem jgħix u jwettaq għemejjel skont ir-rieda ta' Alla u mhux tal-bniedem innifsu.
Nilqgħu bil-ferħ it-tħabbira tal-Evanġelju billi nqumu bilwieqfa u nkantaw flimkien l-Hallelujah.

**Offertorju**
L-għixien tal-ħajja skont kif jixtieq Alla jitlob ħidma kontinwa. Ejjew għalhekk f'dan il-mument nirringrazzjaw lil Alla għal dak kollu li jagħmel magħna permezz tal-offerti tagħna, filwaqt li nitolbuh idawwalna aktar.
Filwaqt li jitilgħu l-offerti, inkantaw flimkien.

**Tqarbin**
Min ifittex lil Alla ma jkun jonqsu xejn. It-tqarbin huwa opportunità biex in-nisrani jfittex u jiltaqa' ma' Dak li tassew idawwal il-ħajja kollha tiegħu.
Nersqu biex nirċievu lil Alla ħaj, filwaqt li nkantaw flimkien.